**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 06/20**
**Data:** It-Tnejn, 8 ta' Ġunju 2020
**Ħin:** 5:30pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**06.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**06.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**06.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**06.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**06.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**06.06** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**06.07** ***Quarterly Financial Statements;***
**06.08** **Tenders;**
**06.09** **Covid-19 Updates;**
**06.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**06.11** **Mozzjonijiet; u**
**06.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**06. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija | |

**06. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 05/20 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 06. 2. 1 | 05.06.02 | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejtun | Sabiex jitnizzel li din ġiet imħassra biss għas-sena 2020 minħabba l-imxija tal-Covid-19 | |
| #### ### 4 | | | | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**06. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2 5 | 05.02.12 | Fenech: *Blood Donation Unit* | Fenech qalet li l-*Blood Donation Unit* ser jerġa jkun iż-Żejtun fid-29 ta' Ġunju 2020. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 2 | 6 | 05.06.01 | Fenech: *Move Week* | Fenech qalet li peress li kien hemm limitazzjonijiet x'jista' jsir minħabba l-Covid-19, ġie deċiż li ssir kompetizzjoni billi jittieħed ritratt bir-rota ż-Żejtun biex jiġi promoss l-użu tar-rota. Dawn itellgħu fil-paġna MOVE u permezz tal-ammont ta' likes li ġabu ġew dawn li ġejjien fl-ewwel tlett postijiet:<br>1) Nicholai Carabott (269 likes)<br>2) Francesca Seguna (267 likes)<br>3) Brian Pace (165 likes) | Fenech |
| 06. | 2 | 7 | 05.05.06 | Chircop: Applikazzjoni għall-Stabilimenti fid-daħla taż-Żejtun | Chircop qal li bħala Kunsill bagħtna l-kummenti tagħna. Is-Sinku qalet li m'aħniex kontra dan l-iżvilupp pero dan ser jikkawża iktar traffiku. Saret talba sabiex l-iżviluppaturi jikkumpensaw għal dan permezz tar-responsabilta' soċjali korporattiva, filfatt issuġerejna l-proġett f'Misraħ Karlu Diacono li jkun jista' jitgawda mill-komunita'. | Chircop / Sindku |
| 06. | 2 | 8 | 05.05.01 | Caruana Ray: *Bring In Sites* | Caruana qal li l-BIS ta' San Girgor tneħħew kif ġie maqbul. Qal li ser titressaq persuna l-qorti għaliex inqabbdet tarmi filfatt. Reġa staqsa jaqblux li jitneħħew dawk ta' Triq il-Qadi. Dwar dan kien hemm diġa diskuzzjoni u għalhekk għalissa mhux ser jitneħħew. | Caruana Ray |
| 06. | 2 | 9 | 05.02.10 | Sindku: Ġnien Mikiel Anton Vassalli | Is-Sindku qalet li l-pjanta hija lesta u ser tgħaddi għand il-kunsilliera. Hekk jiġi maqbul nipproċedu għall-ħruġ tat-tenders ssabiex jitwettaq dan il-proġett. | Sindku |
| 06. | 2 | 10 | 05.02.11 | Sindku: *Gazebo* fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li x-xogħol miexi. Tlestew il-kaxxi fejn ser jitwaħħlu l-arbli tad-dawl. Tlestiet il-bażi tal-konkos wkoll u jrid isisr il-pavimentar kif ukoll titwaħħal il-gazebo u jsir turf naturali. | Sindku |
| 06. | 2 | 11 | 05.02.13 | Sindku: Ingaġġ ta' żewġ ġardinara | Is-Sindku qalet li ktibna lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali liema talba ġiet aċċettata. Ser tkun qed tinħareġ sejħa sabiex issir l-għażla. Dwar dan kien qbil nem.con. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 06. | 2 | 12 | 05.03.01 | Sindku: Ħaddiema tal-OZO Group | Is-Sindku qalet li dawn diġa għamlu ħafna xogħol ta' tisbiħ fi Ġnien iż-Żgħoħija u f'ġonna oħra. Tlabna għall-estensjoni tal-ħaddiema li din ġiet aċċettata. | Sindku |
| 06. | 2 | 13 | 05.03.02 | Sindku: *EPOS Machines* | Is-Sindku qalet li wara li saret talba mill-A.K.L. il-BOV qabel li dawn jibdew jiġu użati mill-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel nem.con dwar dan. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 06. | 2 | 14 | 05.03.03 | Sindku: Ħaddiem assenjat mal-Kunsill | Is-Sindku qalet li ġiet infurmata li l-ħaddiem konċernat talab li jieqaf mix-xogħol u ser jibda l-proċess biex jgħaddi bord. | Sindku |
| 06. | 2 | 15 | 05.08.01 | Sindku: Xogħolijiet | Is-Sindku qalet li x-xogħol għaddej. Ix-Xogħol mill-Enemalta huwa lest. Ix-xogħol fuq Triq il-Faqqus ittardja ftit, baqa' l-aħħar xogħol ta' asfalt. Beda x-xogħol ta' tqaxxir fi Triq Bugħarbiel. Tlestiet ukoll Triq id-Dwiemes. | Sindku |

**06 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/20. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 3 | 1 | 12 | Sindku: Ġbir tal-borża l-ħadra | Is-Sindku qalet li kien hemm problema bil-ġbir tal-borża l-ħadra. GreenPak tagħna garanzija li s-servizz minn naħa tagħhom ser ikompli . L-A.K.L u r-Reġjun Xlokk qalulna li ser jgħinu fiha f'każ ta' diffikulta' u talbu li l-Kunsill jaqbel dwar dan. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. | Sindku |
| 06 | 3 | 2 | 02 | LCA: Spazji Pubbliċi | Fenech qalet li ser jinħatar Sotto-Kumitat sabiex jitfassal pjan ta' rotot għar-roti u mixi. | Fenech |
| 06 | 3 | 3 | 07 | LCA: EUCF Webinar | Fenech qalet li nħarġu fondi ewropej fi proġett imsejjaħ EUCF li jtik aċċess taħdem fuq studji u riċerki dwar sostenibbilta'. Peress li m'għandniex SEAP bħala Kunsill, l-unika mod kif nipparteċipaw huwa applikazzjoni flimkien ma' Kunsill li għandu dan is-SEAP. | Fenech |
| 06 | 3 | 4 | 14 | Performance Report 2019 | Is-Sindku qalet li bħala Kunsill qegħdin tajjeb. Irridu naħdmu sabiex innaqqsu r-rimi fil-borża s-sewda. | |
| 06 | 3 | 5 | 01 | Sindku | Is-Sindku qalet li għandna ninfurmaw lil-TM li dawn mietu jew marru f'Home sabiex jitneħħew dawn l-ispazji riservati. | Baldacchino |

**06. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 4 | 1 | | Viċi-Sindku: *Reserved Parking* Banka tal-Lottu | Il-Viċi-Sindku qalet li ġiet avviċinatamill-propjetarja tal-Banka tal-Lottu fi Triq San Girgor sabiex napplikaw għall-*Reserved Parkin.* Staqsiet ukoll jistax isir *No parking* quddiem il-garaxx tal-Arti u Artiġjanat. Infurmat lill-Kunsill li t-tqassim tal-ikel mill-EU ser jgħaddi għand il-Kunsill Lokali peress li qabel kien qed jieħu ħsiebu l-Ministeru. | Viċi-Sindku |
| 06. | 4 | 2 | | Baldacchino: Bankina | Baldacchino qal li rċieva ilment minn resident fi Triq il-Madonna Tal-Ħniena sabiex tiġi rranġata l-bankina fejn it-Tico Tico Bar. Ser naraw x'jista' jsri biex insolvu din il-problema. | Sindku |

**06. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 5 | 1 | | Chircop | Chircop qal li wara li konna applikajna għall-fondi mill-Gal Xlokk Measure 3 dawn ġew aċċettati. Ser jibda x-xogħol fuq il-Mobile App u d-dsinn ser isir minn Webee. Talab li jgħaddu suġġerimenti sabiex jiddaħlu f'din l-app. | Chircop |

**06. 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 6. | 1 | | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal jekk hux possibli li din issir fis-6 ta' Lulju fi Ġnien l-Għannejja Żwieten u nimxu mal-ordnijiet tad-Dipartiment tas-saħħa. Kien hemm qbil dwar dan. | Chircop / Sindku |
| 06. | 6. | 2 | | Sindku: Plakka man-niċċa ta' San Ġużepp | Is-Sindku qalet li għandha titwaħħal u tiġi inawgurata l-plakka. Ser tinstab ġurnata għal dan. | Chircop / Sindku |

**06. 7. *Quarterly Financial Statements;***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 7 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-finanzi għall-approvazzjoni tal-ewwel kwart tas-sena. Dawn ġew approvati nem.con | Segretarju Eżekuttiv |
| **06.** | **8.** | | | **Tenders;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 8. | 1 | | Sindku: *Rubble Walls* | Wara l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet tat-tenders, Edilmar kienu bl-irħas offerta sottomessa. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 06. | 0. | 2 | | Sindku: *Contracts Manager* | Wara li saret l-evalwazzjoni tat-tenders dan ġie mogħti lil Adrian Mifsud peress li hu kien l-irħas wieħed. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 06. | 8. | 3 | | Sindku: *Bulky Refuse* u *Street Sweeping* | Is-Sindku qalet li ser tittieħed deċizjoni fil-laqgħa li jmiss dwar kif ser nipproċedu. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| **06.** | **9.** | | | **Covid-19 Updates;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 9. | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li s-sitwazzjoni reġa ġejja għan-normal. Saret perspex fl-entratura tal-Kunsill u ser issir oħra mad-desk għal siġurta' Bħalissa qed naċċettaw ċekkijiet biss u dalwaqt flus kontanti. Il-laqgħa li jmiss x'aktarx issir mill-Kunsill. Il-Manuċċa CDCC reġat fetħet il-bibien tagħha u qed timxi mar-restrizzjonijiet hekk kif mgħotija mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Saret żjara mill-Ministru Owen Bonniċifejn ingħatajna garanzija li l-Dipartiment tal-Edukazzjoni ser ikun qed jagħmel tajjeb għall-80% tas-salarji tal-ħaddiema sal-aħħar ta' Settembru. | |
| **06.** | **11.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 11. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06. | 11. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 03/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06. | 11. | 3 | | *Petty Cash* - Mejju 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Frar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €144.07 | Segretarju Eżekuttiv |
| **06** | **12** | | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 12 | 1 | | Chircop | Chircop ressaq mozzjoni sabiex jinbidel l-immaniġjar tat-traffiku f'Misraħ Santa Marija. Wara diskussjoni dwar dan ġie maqbul li għandha tittieħed deċizzjoni fil-laqgħa li jmiss u ngħaddu r-rikjesta lil-TM. | Chircop |
| **06** | **13** | | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-7:45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 2020 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv